# Reġjun Tramuntana

112, Triq Ġulju,Bugibba San Pawl il-Baħar,SPB 2617

Email: regjun-tramuntana.dlg@gov.mt Tel:+35621572770


**Laqgħa Reġjonali Nru. 16 ta' 2024, miżmuma nhar il-Erbgħa, 11 ta' Diċembru 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Mġarr.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Ħal Balzan | Viċi President |
| • Paul Vella | L-Imġarr | Membru |
| • Dominic Grech | San Ġwann | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Membru |
| • Dale Hayman | L-Imtarfa | Membru |
| • Christopher Deguara | In-Naxxar | Membru |
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv | |

Membri Skuzati:

| | | |
|---|---|---|
| • Gabriel Micallef | Il-Mellieħa | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |

# AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.15
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   - 5.1 Xiri ta' Apparta elettroniku;
   - 5.2 Spejjes relatati ma' *maintenance/upkeep* u rinovar ta' partijiet ta' l-offiċju amministrattiv
6. Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2024
7. Business Plan 2024 – 2028 (Abbozz)
8. Rapport Amministrattiv Anwali
9. Performance Bonus – Impjegati klerikali Reġjun Tramuntana
10. Performance Bonus – Segretarju Eżekttiv Reġjun Tramuntana
11. Affarijiet oħra
12. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti
13. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fis-sebgħa u nofs (19.30) ta' filgħaxija.

**1. Ittri ta' Apoloġija**

Il-President Clifford Galea nforma li s-Sindki il-Perit Ċensu Galea, s-Sur Stefan Cordina, is-Sur Gabriel Micallef u is-sur Joseph Gatt, talbu biex ikunu skużati minħabba impenji oħra.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.15**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru. 15 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tal-President Clifford Galea, issekondata mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

3. **Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Assocjazzjoni Kubo Eventi**

Irċevejna proposta mingħand assoċjazzjoni li qed tiċċelebra l-10 anniversarju tagħha, li tiffoka fuq il-promozzjoni tal-isport. Huma qed jorganizzaw kompetizzjoni sportiva għaż-żgħażagħ bejn Malta u l-Italja, li tinkludi diversi dixxiplini bħat-table tennis, il-football tan-nisa u tal-irġiel, il-kayak, il-volleyball, il-handball, l-arti marzjali, l-atletika, u oħrajn

L-avveniment għandu l-għan li jippromwovi valuri bħal rispett, ħbiberija, u inklużjoni, speċjalment permezz ta' sports inqas popolari li għandhom importanza kbira għal atleti żgħażagħ u l-familji tagħhom.

Se jingħata "Trofew tal-Ħbiberija" skont ir-riżultati, li se jkun jista' jerġa' jiġi kontestat fl-2026. Barra minn hekk, kampanja ta' ġbir ta' fondi favur organizzazzjoni volontarja f'Malta se takkumpanja l-avveniment.

L-assoċjazzjoni qed titlob il-kollaborazzjoni u l-għajnuna tagħna biex niżguraw li l-avveniment f'Malta jkun skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-gvern Malti.

**3.2 Akkumulazzjoni ta' *Vacation Leave***

Il-president qed jippreżenta talba mis-Segretarju Eżekuttiv fejn qiegħed jintalab permess biex jittrasferixxi l-allokazzjoni tal-leave tal-vaganzi għas-sena d-dieħla, minħabba li s-sitwazzjoni straordinarja f'April 2024 fejn inbidel is-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien, ħolqot il-ħtieġa għal preżenza kontinwa fuq il-post. Fuq proponiment tal-Viċi President Dott. Angelo Micallef issekondata mis-Sindku Dott. Christopher Deguara, kien hemm qbil unanimu li dan isir.

**3.3 Proposta ta' ingagg Skala 11**

Ir-reġjun se jkun qed jgħaddi minn titjib fl-istruttura organizzattiva u tisħiħ tal-ħiliet tal-impjegati, li jista' jfisser il-ħtieġa li jiġu promossi l-istess impjegati għal skala ogħla, Skala 11.

**3.4 Fond tal-Avventiment Anwali**

Il-President informa li minħabba tibdil fil-ministeri koncernati, l-avveniment kulturali annwali simili għal dak organizzat nhar Ħamis ix-Xirka fil-Mosta maħsub li jitella kull sena f'kunsill Lokali differenti ma jistax jiġi ffinanzjat mir-reġjun kif kien maqbul u ppjanat, peress li l-għajnuna mill-ministeru mhux se tkun disponibbli kif inizjalment indikat.

**3.5 Tiġdid ta' pożizzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

B'referenza għal laqgħa Nr. 11 miżmuma nhar il-25 ta' Lulju 2024 Punt numru 4.1 qedin niproponu li l-pożizzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv miżmum mis-Sna. Kristina Camilleri ser jiġedded għal tlett xhur oħra. Din id-deċizjoni ser terġa tiġi riveduta fil-laqgħa reġjonali ta' Marżu 2025. Fuq proposta tal-President Clifford Galea issekondata mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil unanimu.

**3.6 Stedina għal Brussell - Attivitajiet fl-Istituzzjonijiet Ewropej fil-25 u s-26 ta' Frar 2025**

Irċevejna stedina mingħand Focus Europe, li għaliha r-Regjun Tramuntana jħallas sħubija annwali, biex nattendu avveniment ta' networking fi Brussell f'Frar 2025. L-ispejjeż kollha se jkunu responsabbiltà tad-delegati, u l-ebda rifużjoni m`hi se tingħata mill-ospitanti. Sadanittant, ġiet irċevuta komunikazzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġie kkomunikat li dawk interessati li jattendu għandhom japplikaw il-proċeduri normali ta' akkwist.

**3.7 Malta Snooker Junior Open Tournament**

Ir-Reġjun irċieva talba għal għajnuna finanzjarja fir-rigward tat-Tournament tal-Malta Snooker Open Tournament. Dan huwa tournament prestiġġjuż li normalment jiġbed plejers internazzjonali u huwa ppjanat li jsir fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar fil-Club tal-Banda Peace fin-Naxxar, li huwa magħruf għall-faċilitajiet eċċezzjonali tiegħu għas-snooker. Wara laqgħa li saret ma' s-Sur Brincat u s-Sur Mallia, tqies li tournament bħal dan huwa konformi mal-funzjonijiet tar-reġjun skont l-Att tal-Gvern Lokali biex jiġu promossi attivitajiet sportivi fir-Reġjun. Biex din l-għajnuna tkun aktar allinjata mal-għanijiet imsemmija, qed tiġi kkunsidrata l-idea li jsir tournament inter-reġjonali tal-

billiard u s-snooker fejn jirrappreżentaw kull lokalità u gruppi ta’ etajiet differenti, bil-għan li jkun hemm ċampjin reġjonali għal kull grupp ta’ età.

**3.8 Visual Display Unit Testing**

Il-leġislazzjoni kurrenti dwar is-saħħa u s-sigurtà tistipula li min iħaddem għandu jipprovdi lill-impjegati li jaħdmu għal sigħat twal quddiem kompjuter b'kontrolli tas-saħħa. Għal din ir-raġuni, ir-Regjun Tramuntana jemmen li l-benessri u s-saħħa tal-impjegati tiegħu huma ta’ importanza primarja u ħareġ u kkonkluda talba għal kwotazzjonijiet, fejn se jħallas għal dawn it-testijiet tal-għajnejn. Se tintbagħat lista ta’ impjegatilill-fornitur, u qed nieħdu l-opportunità f’din il-laqgħa biex nistiednu lill-kunsilli lokali l-oħra biex joffru l-istess servizz lill-istaff tagħhom.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tqajmu l-ebda’ mistoqsijiet.

**5. Aġġornamenti u diskussjoni**

**5.1 Xiri ta’ Apparat elettroniku;**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser isir upgrading ta’ kompjuters, cables u apparat ieħor li huwa iżjed effiċjenti fil-konsum ta’ enerġija u iżjed komdu għall impjegat biex jaħdem siegħat twal quddiemu. Saru diskussjonijiet ma’ *sub-contractors* tal-Mita biex jinbidlu cables u sockets skond il bżonn. Fuq proponiment tas-Sindku Dale Hayman issekondata mid-delegat Norbert Dalli kien hemm qbil unanimu.

**5.2 Spejjes relatati ma’ *maintenance/upkeep* u rinovar ta’ partijiet ta’ l-uffiċju amministrattiv**

Saret sejħa ta’ kwotazjonijiet u ingħalqet fejn ser isir rinovar tal-faċċata, ser titkompla ir-reception Area u l-uffiċju li qabel kien jakkomoda lis-Segretarju Eżekuttiv biss u issa ser jkun qed jakkomoda bejn erbgħa u sitta min-nies oħra. Din l-ispiża ser tlaħħaq ċirka €5,000. Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella issekondata mid-delegat Norbert Dalli kien hemm qbil unanimu.

**6. Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2024.**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta ir-rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2024 hekk kif preparat mill-accountant tar-reġjun.Fuq proponiment tal-President Clifford Galea issekondata mill-Viċi President Dott. Angelo Micallef.

**7. Business Plan 2024 – 2028 (Abbozz)**

Ġie informat mis-Segretarju Eżekuttiv li dan il-punt ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss, wara aġġornament mal-accountant.

**8. Rapport Amministrattiv Anwali**

Ġie informat mis-Segretarju Eżekuttiv li dan il-punt ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss, wara aġġornament mal-accountant.

**9. Performance Bonus – Impjegati klerikali Reġjun Tramuntana**

Wara li ġew preżentati l-performance appraisals tal-impjegati tar-Reġjun u saret diskussjoni bejn il-President, is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-membri preżenti, ġie deċiż li waħda mill-

impjegati ser tingħata l-performance bonus ta' 6% filwaqt li l-kumplament tal-impjegati ser jiġu mgħotija performance bonus ta' 4.5%. Ken hemm qbil unanimu mill-membri preżenti.

**10. Performance Bonus – Segretarju Eżekttiv Reġjun Tramuntana**

Waqt li is-Segretarju Eżekuttiv intalab biex joħroġ mill-laqgħa, saret diskussjoni bejn il-President Cliffor Galea u il-membri preżenti fejn ġie diskuss dan il-punt. Fuq proposta tal-President issekondata mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-performance bonus sħiħ.

**11. Affarijiet oħra**

Ma tqajmu l-ebda punti ġodda.

**12. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni, l-iskeda ta' pagamenti Numru 182 għall-perjodu ta' bejn l-22 ta' Novembru 2024 u l-11 ta' Diċembru 2024. L-Iskeda mmsemmija ġiet approvata mill-proponent is-Sindku Paul Vella, issekondata mis-Sindku Dominic Grech. Il-membri qablu unanimament.

**13. Aġġornament;**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja u nofs (20.30) ta' filgħaxija. Il-membri qablu unanimament li s-seduta li jmiss ser issir nhar l-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2024, fejn wara ser issir l-ikla anwali ġewwa Ħal Balzan bejn is-Sindki, is-Segretarji Eżekuttivi u l-istaff tar-reġjun.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum l-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2024